

# IL-KWADRI TITULARI FIL-KNEJJES TAL-FLORIANA U TAGĦRIF IEĦOR

**Kitba ta' Joseeph R. Gatt**

Għall-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Publju ta' din is-sena ser ndawru l-ħarsa tagħna lejn il-kwadri titulari li nsibu fil-knejjes u mkejjen oħra tal-Floriana u nagħtu wkoll ftit tagħrif dwar fejn narawhom.

## IL-PARROĊĊA

Il-kwadru jirrappreżenta l-martirju ta' San Publju. Fih naraw lil San Publju bejn żewġ iljuni lesti għalih għall-martirju tiegħu fl-arena ta' Ateni. Naraw il-baklu u l-mitra mixħutin fl-art u żewġ puttini niżlin mis-sema biex jagħtuh il-palma tal-martirju u l-kuruna tal-glorja. Hu xogħol impitter fuq it-tila biż-żebgħa taż-żejt. It-tradizzjoni tgħid li dan il-kwadru kien bdieh il-pittur Franċiż Antoine de Favray (1706-1798) imma komplieh l-aliev tiegħu Filippo Vincenzo Pace. Fil-bidu kien juri isem Pace biss iżda meta f'xi żmien, aktarx wara l-gwerra, ġie rrestawrat żdied isem Favray ma' dak ta' Pace, u l-kitba bil-latin ta' fuq il-kwadru nqalbet fil-plural u ġiet taqra *"Pictores Fabray et Philippus Vincentius Pace Fecerunt et Gratis dederunt Anno Dm 1773 Malite"* (sic), biex juri li sar miż-żewġ pitturi. Ġara li meta fl-1994/95 kien qed jiġi rrestawrat minn Afred Briffa ħarġet il-kitba oriġinali u isem Favray tneħħa. Baqa' biss dak ta' Pace biex ġiet taqra hekk **"Philippus Vincentius Pace Fecit et gratis de(dit) Anno Dm 1773 Malite"**, bil-Malti "Magħmul u mogħti minn Filippo Vincenzo Pace fis-sena 1773, Malta".



IT-TITULAR TA' SAN PUBLJU

Il-Floriana saret viċi-parroċċa fl-1721 meta l-knisja ta' San Publju kienet għadha lanqas bdiet tinbena. Saret parroċċa indipendenti minn dik ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt b'Digriet ta' l-Isqof F.S. Caruana maħruġ fil-5 ta' Marzu 1844. Il-knisja kkonsagraha l-Isqof Mons. Vincenzo Labini fit-28 ta' Mejju 1792. Saret Arċipretali fis-sena 1896. Matul iż-żmien sarilha ħafna tibdil strutturali biex tkabbret għal dik li naraw illum. Fit-Tieni Gwerra Dinjija ġarrbet ħsara kbira meta ġġarrfet parti sewwa minnha fit-28 ta' April 1942. Il-Knisja ta' Sarria bdiet isservi bħala Parroċċa mill-1942 sa l-1944, sakemm intemmet it-tiswija tagħha. Lapida fis-sagristija ta' din il-knisja tfakkar din.

## SARRIA :- KUNĊIZZJONI

Dal-kwadru huwa xogħol ta' Mattia Preti (1613-1699) u jirrapreżenta lil Marija Immakulata rebbieħa fuq ix-xitan u l-marda tal-pesta tal-1675-1676. Narawha mħarsa mill-Missier Etern u l-Ispirtu s-Santu u b'anġlu fuq il-ġnub tagħha; wieħed qed idaħħal xabla fil-għant tagħha u l-ieħor qed jaqsam xabla fuq irkobbtejh b'sinjal li l-imxija tal-pesta għaddiet. Fil-parti t'isfel naraw xi vittmi milqutin minn din il-marda b'ħarsithom 'il fuq lejn il-Madonna jitolbuha l-ħniena u l-grazzji tagħha. Il-kwadru kien ħallsu l-Granmastru Nikola Cottoner (1663-1680).



Hawn ta' min ifakkar li fis-sagristija kien hemm kwadru kbir (123.5cm x 196.5cm) u votiv magħruf b'tal-Madonna tax-Xwieni; xogħol fuq l-injam tal-pittur Antonello Riccio. Dan jirrapreżenta l-Madonna bil-Bambin bejn San Ġwann il-Battista u Santa Luċija u taħthom jidhru għadd ta' xwieni li jfakkru l-battalja ta' Lepanto 1571. Aktar 'l isfel naraw il-Kavallier Martino de Sarria Navarro li kien bena l-ewwel kappella fl-1585. Naraw ukoll l-arma tal-Granmastru U. Verdala (1582-1595) li fi żmienu nbniet u arma oħra mhux identifikata. Aktarx li kien sar għall-ewwel knisja. Fl-1921 kien ittieħed fil-Mużew ta' l-Arti, il-Belt. Illum jinsab fil-Mużew Marittimu, il-Birgu.

Kif ġa għedna, Sarria kienet servit bħala Parroċċa bejn is-snin 1942 u 1944. Dil-knisja żgħira, uffiċjalment iddedikata lil Maria Immakulata Kunċizzjoni, imma aktar magħrufa b'ta' Sarria, kienet saret b'wegħda mill-Kunsill ta' l-Ordni tal-Kavallieri għall-ħelsien tal-pesta 1675-76. L-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet fit-8 ta' Diċembru 1676 mill-G.M. N. Cottoner flok il-knisja li kien bena Sarria. Il-mudell tagħha kien għamlu Mattia Preti. Ta' kull sena għadha ssir il-quddiesa solenni fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann u purċissjoni votiva bil-kwadru tal-Madonna ta' Caraffa. Kienet toħroġ minn San Ġwann għal dik ta' Sarria u wara li jsir it-talb terġa' lura. Minn ftit tas-snin 'l hawn il-purċissjoni bdiet issir fit-toroq tal-Belt.

Fl-1924 il-knisja bdiet tkun amministrata mill-Patrijiet Ġiżwiti. Dawn insibuhom ukoll fin-Naxxar, f'B'Kara, l-Isla, ir-Rabat Għawdex u djar oħra. Għandhom ukoll Kulleġġ (San Alwiġi) għat-tagħlim, Novizzjat u Dar ta' l-Irtiri fil-Mosta.



**Il-Kwadru xogħol fuq l-injam tal-pittur Antonello Riccio**

## KAPUĊĊINI

Il-Granmastru N. Cottoner (1663-1689), bħala sinjal ta' mħabba lejn il-Kapuċċini għamel il-faċċata ta' l-artal maġġur skolpita artistikament u għamel gwarniċ ta' l-injam u l-kwadru, li kien jurina l-Invenzjoni (is-Sejba) tas-Salib Imqaddes, impinġi fuq il-ġild mill-pittur Filippu Paladini; il-kwadru disgrazzjatament intilef meta kienet iġġarrfet il-knisja u parti mill-kunvent f'April 1942 fi żmien il-gwerra 1940/1945. Filippo Paladini (c1544-1616) kien pittur Taljan. Meta reġgħet inbniet il-knisja ( l-ewwel ġebla tqiegħdet fit-23.4.1947) fuq pjanta ġdida tal-perit Joseph Zammit Bonnet, u differenti għal kollox minn dik ta' qabel ta' Ġerolomo Cassar, il-pittur Ġużeppi Briffa (1901-1987) fl-1955 lesta kwadru titulari ġdid bl-istess suġġett, imma fi stil wisq differenti. Ħadmu fuq it-tila biż-żebgħa taż-żejt. Fih naraw lil Sant' Elena b'salib kbir, lill-Isqof San Makkarju, liż-żagħżugħ Constantinu u raġel mixħut fl-art imfejjaq mirakolożament. Dan il-kwadru tneħħa minn postu wara li daħlu r-riformi l-ġodda tal-Konċilju Vatikan II u tpoġġa fil-Mużew ta' l-istess knisja. Floku tqiegħed Kurċifiss kbir li dwaru ftit li








DAK PREŻENTI

xejn nafu għajr li kien miżmum fil-kunvent tal-patrijiet minn bosta snin qabel u li hu xogħol fl-injam. Kurċifiss sabiħ kemm fil-wiċċ u x-xogħol. Kitba fuq il-prospettiva tiegħu taqra "Nadurak o Ġesù u Nberkuk". Il-knisja tbierket u nfethet għall-pubbliku fis-sena 1955.



Titular kif kien fil-Knisja tal-Kappuċċini

Il-patrijiet Kapuċċini kienu ddaħħlu f'Malta fl-1588/1589 bil-għajnuna tal-Gran Mastru Hugheus Loubenx de Verdalle (1582-1595), benefattur kbir tagħhom. L-ewwel knisja tagħhom kienet inbniet 'il barra mis-swar tal-Belt. Fl-1589, illum il-Floriana, fejn insibuhom illum. Ikkonsagraha l-Isqof Giovanni Pellerano fit-18 ta' Novembru 1773, Taħt il-knisja, maqtugħ fil-blat bejn l-1725 u l-1730 insibu ċimiterju li baqa' jintuża sakemm inqata' id-dfin fil-knejjes tal-Belt u t-Tliet ibliet tal-Kottonera wara li nbena ċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata. Fl-1965 bnew Librerija ġdida u Mużew fl-1971. Minbarra fil-Floriana, dawn il-Patrijiet insibuhom ukoll fil-Kalkara, ix-Xemxija, Għajn Dwieli u Victoria Għawdex, u jmexxu wkoll tliet parroċċi; tnejn fil-Marsa u oħra f'San Ġwann.



bil-permess tal-Kurja

## KAPPELLA F'DAR MANRESA U SAN KALĊIDONJU:



San Kalċidonju

Fil-kappella tal-Madonna ta' Manresa li tinsab fil-Kurja Arċiveskovili ta' llum, il-kwadru titulari tagħha jurina lill-Madonna bil-Bambin u lil San Injazju qed jikteb l-eżerċizji spiritwali tiegħu fil-Għar ta' Manresa. Hu xogħol il-pittur Franċiż Antoine de Favray impitter biż-żejt fuq it-tila u sar madwar is-sena 1750. Fuq wara ta' dan l-istess altar hemm kappella oħra żgħira bi kwadru titulari ieħor li jurina lil San Kalċidonju maqful fil-ħabs b'kurċifiss f'idu u b'ħarstu 'il fuq lejn it-tliet anġli neżlin mis-sema biex jagħtuh il-palma tal-martirju u l-kuruna tal-glorja. Ma nafux xogħol min hu u meta sar. Il-fdalijiet ta' San Kalċidonju narawhom f'urna fil-mensa ta' l-altar tal-kappella ta' Manresa.

Id-dar ta' Manresa ibniet bħala dar għall-irtiri fl-1740 u l-kappella fl-1749. Kappella oħra ddedikata lill-Madonna tad-Duluri inbniet bejn 1860-1861 fil-bini tas-sular ta' fuq. Din id-Dar servit ta' Seminarju mill-1858 sa l-1977 meta mar



f'Tal-Virtù, fir-Rabat u l-Kurja Arċiveskovili ġiet trasferita fl-1977 għal dan il-bini.



**IL-KAPPELLA TA' L-OSPIZJU:**
Il-kappella iddedikata lill-Madonna tal-Purità u kienet tinsab fl-Ospizju (Dar għax-xjuħ). Kellha kwadru sabiħ u qadim ħafna mogħti mill-Bali' Francesco Ferretti lill-G.M. Antonio Manoel de Vilhena. Fih tidher il-Madonna bil-Bambin ibierek u lil San Ġwann qiegħed ibuslu siequ l-leminija. Pittura taż-żejt fuq it-tila ta' qies 123cm . 171cm. Sa qabel il-gwerra kien għadu f'din il-knisja. Wara għamel żmien fil-Kappella ta' l-Isptar ta' San Vinċenz de Paul u għall-ħabta ta' l-1964 ittieħed fil-Mużew ta' l-Arti, il-Belt. Xi studjużi tal-pittura jaħsbu li hu xogħol il-pittur Francesco Solimena (1657-1747) waqt li oħrajn jgħidu li hu ta' Sebastiano Conca (1680-1764) it-tnejn ta' l-iskola Naplitana tas-Seklu tmintax.

Il-kappella, li kienet magħrufa bħala 'il-knisja' twaqqfet fl-1734. Kellha żewġ kwadri oħra ta' San Pawl u San Publju. L-Ospizju jaf il-bidu tiegħu lill-G.M. Vilhena bl-isem ta' 'Casa di Carità'. Matul iż-żmien sarulu ħafna tibdiliet strutturali u wara li spiċċa minn 'Dar għax-Xjuħ' serva għal diversi skopiet pubbliċi.



**L-ORATORJU TA' SAN PUBLJU:**
Dan l-oratorju nbena fis-sena 1862 mill-Fratellanza ta' San Publju u kienet ħaġa naturali li poġġew kwadru tal-qaddis protettur tagħhom. Il-pittura taż-żejt fuq it-tila turina lil San Publju għarkubbtejh fuq siequ x-xellugija b'ħarstu lejn il-Madonna bil-Bambin, l-iljum quddiemu u l-arma ġentilizja tal-benefattur. Tpenġija tal-pittur Giuseppe Calì (1846-1930).

**IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TA' LOURDES:**
Għalkemm f'din il-Kappella-Grotta, ftit metri l-hemm mill-knisja tal-Kapuċċini, ma hemmx kwadru, tajjeb li ngħidu xi ħaġa dwarha. Din taf il-bidu tagħha lil niċċa/kappella ċkejkna mibnija fl-1706, b'rixtellu tal-ħadid quddiemha li minnu kont tilmaħ l-istatwa ta' Santa Marija Maddalena. Meta xterdet id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes, għall-ħabta tas-sena 1881 kienet tqiegħdet statwa tal-Madonna ta' Lourdes b'Santa Bernardina għarkubbtejha quddiemha. Din in-niċċa/kappella kienet tiġbed bosta nies devoti lejha u maż-żmien inħass il-bżonn li tinbidel u tinbena kappella aħjar. Fl-1918 inbeda x-xogħol fuq pjanta tal-perit Emmanuele Borg u fi żmien qasir tlestiet. Ġiet inawgurata fis-26 ta' Diċembru 1920 mill-Isqof Mons. Mauro Caruana. Flok kwadru titulari tqiegħdet l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes b'Santa Bernardina f'riġlejha; l-ewwel statwa li kien ġab minn Franza l-Provinċjal tal-Kapuċċini Patri Filippo Antonio Meli fl-1881. L-Isqof Caruana kkonsagra l-altar (mhux dak





tal-lum) fid-9 ta' Frar 1923. Il-Maltin inġibdu sewwa lejha u żdiedu aktar id-devozzjoni lejha li għadha ħajja sewwa sal-lum.
Meta ġġarfet il-knisja tal-patrijiet tal-kapuċċini, bdew jaqdu d-dmirijiet reliġjużi tagħhom f'din il-kappella. Ftit li xejn sar tibdil fiha għajr li bil-gwerra ntilef l-anġlu ta' fuq il-bieb. Wara l-Konċilju Vatikan II kienu tneħħew l-kanċell, l-altar u l-anġli tal-ġnub tiegħu biex sar altar mejda; wara kkonsagrat mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fil-11 ta' Frar 1980. Dan l-aħħar snin saret pittura ġdida fil-koppla mill-pittur Alfred Briffa flok dik li kien għamel Ramiro Calì fl-1926.

**KWARTIERI ĠENERALI TAL-PULIZIJA:**
Fil-kappella tad-Depot tal-Pulizija ukoll ma nsibux kwadru iżda Kurċifiss li kien ħa post il-kwadru tal-Madonna tal-Maternità (Omm Alla). Mid-data li naraw fuq dan il-bini nafu li kien inbena bejn 1848-1850 bħala Sptar Ċentrali flok 'La Casa d'Industria' li kienet ħadet dan l-isem fl-1825 flok il-Konservatorju għat-tfajliet li kien waqqaf il-Granmastru Vilhena fl-1734. Il-kappella kienet iddedikata lill-Madonna tal-Maternità. Kien hemm żewġ kwadri oħra li juru t-Tislib u l-Flaġellazzjoni ta' Kristu. Mill-1954 dal-bini beda jservi bħala Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.



**Il-Kwartieri tal-Pulizija**

**GĦELUQ**
B'din il-kitba rajna liema huma l-kwadri titulari tal-knejjes tal-Floriana u tajna tagħrif fil-qosor ħafna ħafna dwar fejn jinsabu. Nittamaw li minn dan li għidna jikber l-interess fost iż-żgħażagħ tal-lum biex ikomplu jistudjaw u jwasslu aktar tagħrif dwar ġrajjet il-Floriana.

**Joseph R. Gatt**
**Floriana**
**28 ta' Diċembru 2003**

Bibljorafija:
1. Attard Timotju OFM Kap., Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Floriana u l-Ordni Ġeroolomitan. Malta 1955.
2. Azzopardi Franġisku OFM Kap., 'L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Floriana' fi 'Programm Festa S. Publju 1998'.
3. Bonello Vincenzo, La Madonna Nell'Arte. Malta 1949.
4. Borg Vin. Edi, - Marian Devotions in the Island of St Paul 1600-1800. Malta 1983.
5. Buhagiar Mario. Edi. Proceedings of History Week 1983. Historical Society. Malta 1983.
6. Castagna P.P., Lis Storia ta' Mata bil-Gżejjer Tahha. Malta 1888. vol.
7. Cremona A., il-Knisja ta' Sarria. Malta 196-8
8. Cremona A., L-Ospizju tal-Floriana u l-Erwieħ ta' Wied Għammieq, Malta 1959.
9. Ferres Achille, Memorie dell'Inclito Ordine Gerosolimitano. Malta 1881.
10. Ferres Achille, Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo. Malta 1866
11. Il-Madonna ta' Lourdes Meqjuma fil-Kappella-Grotta tal-Patrijiet Kapuċċini il-Floriana. Malta 1955.
12. Programm Festa San Publju - 1995. 'Sejbiet fir-Restawr tat-Titular'.
13. Ħajr lill-Patri Franġisku Azzopardi OFM Kap., lil Deborah u Franco Agius.